**Knisja Arċipretali ta' San Publju, Floriana**
Uffiċċju Parrokkjali,
4, Triq Sarria,
Floriana.
Tel: 2124 7106
**www.florianaparish.org**

**NRU. 133** **FLORIANA** **JANNAR 2011**

## Messaġġ tal-Arċipriet

# *INKOMPLU MA DAK LI RNEXXIELNA NAGĦMLU*

Għeżież Furjaniżi,

Nixtieq nibda dan l-ewwel messaġġ għas-sena l-ġdida bl-awguri ħerġin minn qalbi lill-Furjaniżi kollha. Minn qalbi nsellem lill-Furjaniżi kollha li jgħixu ġewwa l-Furjana u nistedinhom biex naħdmu flimkien ħalli nkomplu ma' dak li rnexxielna nagħmlu fis-sena li għaddiet. Nixtieqkom ukoll twasslu dawn l-awguri tiegħi lill-għeżież tagħkom li jgħixu 'l barra mill-Furjana. Għidulhom "l-Arċipriet qed jibgħatilkom ix-xewqat it-tajba".

Is-sena li għaddiet irnexxielna nagħmlu affarijiet sbieħ li bilfors tħabatna ħafna biex għamilnihom. Nifraħ lil dawk li s-sena li għaddiet għaddewha magħqudin fil-familja tagħhom u kibru fl-imħabba ta' bejniethom. Nifraħ ma' dawk minn ħutna li b'impenn kuraġġuż daħlu għall-ħajja taż-żwieġ. Ningħaqad fil-ferħ li ġiebet it-tarbija tagħhom ma' dawk il-ġenituri li kellhom wild ġdid fil-familja tagħhom.

Inħossni kuntent b'dawk il-ħafna Furjaniżi li regolarment qdew id-dmirijiet tagħhom ta' nsara kemm fil-knisja kif ukoll fil-familja u kull fejn kienu. Inħoss li għandi ngħidilhom "prosit". Naf ukoll b'dawk in-nies li din is-sena bidlu ħajjithom u għamlu konverżjoni bis-serjeta`. Nifraħ ukoll lil dawk il-ħafna ġenituri li qed jagħmlu ħilithom kollha biex jaqdu dmirijiethom kif imiss.

Ħadt pjaċir meta kont nara nies mill-parroċċa tagħna li regolarment ifittxu it-tagħlim. Dejjem nifraħ meta nara konkorrenza ta' ħafna Furjaniżi għal dak li norganizzaw fil-knisja. Napprezza wkoll il-qalb tajba ta' dawk kollha li jieqfu ma min huwa batut.

Dan kont qed nifhem meta fuq għidt "inkomplu ma' dak li rnexxielna nagħmlu fis-sena li għaddiet". Jien lili dan li jimlieli qalbi.

Inħossni sodisfatt ferm bil-mod kif s'issa iċċelebrajna s-sena ċentinarja. Kien ukoll l-għaxqa ta' qalbi nara l-Papa dieħel fil-knisja arċipretali tagħna. Kien ukoll ta' sodisfazzjon kbir għalija x-xogħol li wettqu il-voluntiera tal-knisja. Fraħt ukoll nara l-knisja tagħna mżejna kif qatt ma kienet fil-festa li għaddiet, b'mod speċjali ornata bid-damask ġdid, sett linef ġodda, u artal u ambone ġodda. Saru wkoll sforzi kbar minn entitajiet oħra, imma hawn qed nillimita ruħi ma' dak li huwa konness direttament mal-knisja.

Għeżież Furjaniżi ejjew inkomplu ma' dan is-sabiħ li għandna. Ejjew ma nħallux il-ftit li jista' jkun ta' tfixkil għalina itellfilna l-istabilita` tagħna.

**EJJEW INĦARSU F'WIĊĊ XULXIN U NARAW WIĊĊ TA' ĦABIB!**

Tislijiet, awguri u barka. ■

***Fr Richard Borg***
***Arċipriet***

## PROGRAMM TA' ĦIDMA U ATTIVITA`
## JANNAR 2011

F'dan ix-xahar se jkollna t-tielet fażi tas-Sena Ċentinarja.

Programm dettaljat joħroġ aktar tard. Il-programm pastorali li jsawwar din il-fażi tas-Sena Ċentinarja ġie mfassal mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali u mill-Grupp Festi Ċentinarji.

| | |
|---|---|
| Is-Sibt 1 | **L-Ewwel tas-Sena. Solennita` ta' Marija Omm Alla, Jum il-Paċi**<br>It-13-il Sibt ta' San Publju. |
| Il-Ħadd 2 | **Solennita` tal-Epifanija tal-Mulej.** |
| It-Tnejn 3 | Jibda kors ta' ħames konferenzi dwar is-Sagramenti.<br>Ikollna waħda kull nhar ta' Tnejn ta' Jannar fis-7.00 pm fil-knisja.<br>Konferenza fuq il-Magħmudija u l-Griżma tal-Isqof minn Fr Frank Borg O.P. |
| It-Tlieta 3 | Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. |
| Is-Sibt 8 | **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej.** Slide feature dwar il-Magħmudija. |
| It-Tnejn 10 | 7.00 pm Konferenza fuq is-sagrament tal-Ewkaristija minn Fr Ray Gatt O.P. |
| Il-Ġimgħa 14 | Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal tad-duttrina. |
| Il-Ħadd 16 | Jum l-Emigranti u r-Refuġjati. |
| It-Tnejn 17 | Konferenza fuq il-Qrar u l-Griżma tal-Morda minn Fr Ugo Cremona O.P. |
| It-Tlieta 18 | Tibda l-ġimgħa ta' talb għall-għaqda tal-Knejjes Insara. |
| L-Erbgħa 19 | 6.30 pm Il-quddiesa ta' filgħaxija ssir ġewwa Sarria.<br>6.30 pm Servizz Ekumeniku Interreliġjuż Djoċesan fil-knisja tagħna. |
| Is-Sibt 22 | **Festa Liturġika ta' San Publju.** Ara programm dettaljat* |
| Il-Ħadd 23 | Purċissjoni bl-istatwa ta' San Publju filgħodu. |
| It-Tnejn 24 | Konferenza fuq is-sagrament ta' l-Ordni Sagri minn Fr Paul Gatt O.P. |
| L-Erbgħa 26 | Ir-Raba' anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali tal-Arċisqof. |
| It-Tnejn 31 | Konferenza fuq is-sagrament taż-Żwieġ minn Fr Charles Tabone O.P.<br>Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. |

* Il-programm dettaljat tat-tielet fażi taċ-ċelebrazzjonijiet tas-sena ċentinarja maħruġ mill-parroċċa ta' San Publju Martri.

## IS-SENA 2011 - MITT SENA MIT-TWAQQIF TAL-M.U.S.E.U.M. FIL-FLORIANA

Kien is-superjur ġenerali stess, Ġeġe` Borg, li waqqaf is-Soċjeta` tad-Duttrina Nisranija (Musuem) fil-Floriana fl-1911. Is-soċjeta`, flimkien mal-parroċċa se jħarsu u jiċċelebraw dan l-ewwel ċentinarju tal-Musuem fil-Floriana. Qed jitħejja programm ta' attivitajiet. Dan se jkun jinkludi: a) attivitajiet għall-membri nfushom, b) oħrajn għat-tfal tad-duttrina u għall-ġenituri tagħhom u, ċ) oħrajn għall-poplu Furjaniż u Belti. Dettalji jingħataw aktar tard.

Il-parroċċa tifraħ magħhom, tiċċelebra magħhom u tawguralhom. Tirringrazzjahom ukoll għall-mitt sena servizz li taw lill-parroċċa.

## RAPPORT TAL-ASSEMBLEA PARROKKJALI LI SARET NHAR IT-22 U T-23 TA' NOVEMBRU 2010

L-Assemblea kienet mifruxa fuq jumejn u saru żewġ sessjonijiet ta' siegħa u tlett kwarti.

Fl-ewwel sessjoni ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru, kienu preżenti erbgħin persuna. Il-programm kien jinkludi messaġġ ta' introduzzjoni mill-Arċipriet u wara sar ħin ta' talb. Wara ħadna l-messagg ta' Mons Arċisqof permezz ta' powerpoint presentation. Imbagħad inqraw il-messaġġi li bagħtulna Mons Arċisqof u s-Segretarju Pastorali wara l-Viżta Pastorali tas-sena 2009. Dawn kienu jinkludu kliem ta' inkuraġġiment flimkien ma' diversi suġġerimenti. Wara għamilna l-kummenti tagħna dwarhom.

Imbgħad tajna titwila lejn dak li għad baqa' xi jsir mil-Pjan Pastorali tal-Parroċċa 2009-2011. Wara, dawk preżenti għamlu l-kummenti tagħhom u s-sessjoni spiċċat bit-talba.

Fit-tieni sessjoni ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Novembru konna 30 persuna. Wara li kellna t-talb tal-bidu l-membri li kienu preżenti inqasmu fi tlett workshops u kull grupp kellu sett ta' mistoqsijiet biex iwieġbu. Is-suġġetti tat-tlett workshops kienu kolla relatati mal-ħajja tal-parroċċa. Kull workshop kellu mexxej u segretarju/a u fit-tmiem saret laqgħa plenarja u kull segretarju ta rapport tad-diskussjoni. F'din is-sessjoni kellna magħna rappreżentant mill-kurja u ieħor mistieden imexxi il-workshop tal-għaqdiet.

Barra minn dawn is-sessjonijiet, f'ħinijiet apparti, saru workshops oħra għat-tfal, grupp ta' adolexxenti, ieħor ta' ġenituri u grupp ta' l-audio visuals u l-I.T.

B'kollox dawk li ħadu sehem kienu madwar 55 adult u 30 żgħażugħ, adolexxenti u tfal.

**Rapport sħiħ ta' din l-Assemblea ingħata fil-laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkljali tad-29 ta' Novembru 2010.**

# IRĊEVEW IS-SAGRAMENT TAL-GRIŻMA TAL-ISQOF

***Nhar l-14 ta' Novembru 2010***

**Subien**

Ander Jay Micallef
Jake Portelli
Nici Debono
Stefmar Hatherly
Damian Mackay
Lee Darmanin
Owen Dalli
Tyrone Curmi
Didier Muscat
Neil Dalli
Ryan Cesare

**Bniet**

Salome` Amaira
Khaila Parnis
Melissa Leigh Ramage
Michaela Marie Farrugia
Yanica Delia
Diana Friggieri
Maria Victoria Galea
Michaela Ann Mifsud
Sharona Sciberras
Jessica Mallia
Martina Agius
Raina Mifsud
Toya Spiteri

## Nifirħu lil dawn l-Insara Ġodda

Saron bint Teklu u Yorsalem Misghina
Julian bin Christian u Marisa Canchi
Lana Marie bint Carlos u Lyndsey D'Agostino

## Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem

Saviour Camoin ta' 77 sena
Carmel Borg ta' 62 sena
Maria Darmanin ta' 92 sena

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

Ernest Dalli u Nadesh Bugeja - 11.12.12

## *FTIT STATISTIKA*

**Mill- 1 ta'Ott. 2009 sat-30 ta' Sett. 2010**

Magħmudijiet 26

L-Ewwel Tqarbina 27

Żwiġijiet 52

Funerali 38